**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 13 ta' Marzu 2025**

**Rik.Gen.Nru.: 533 /23 JPG**

**Kawza nru.: 18**

**AB bhala prokuratrici ta' MB u CB**

**Vs**

**GB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-atturi datat 10 ta' Ottubru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Minn relazzjoni bejn MB u l-konvenut, GB twieled il-minuri JB nhar X u dan kif inhu evidenti fl-anness att ta' twelied tal-minuri mmarkat bhala Dok A.*
2. *Ir-rikorrenti AB hija omm MB (li ghandha l-prokura specjali ta' tifla taghha li qieghda tigi annessa u immarkata bhala Dok B) filwaqt li r-rikorrenti CB hija oht l-istess MB .*
3. *MB tbati mill-marda terminali ta' huntington disease, liema marda tikkawza c-celloli tan-nervituri tal-mohh jitkisser gradwalment u eventwalment dawn imutu (Dok C).*
4. *Minhabba din il-marda, l-istess MB kienet tablet lil ohtha, CB sabiex tiehu hsieb lil binha. Fil-fatt, l-istess CB qieghda tikkura u tiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri JB, daqs li kieku kien binha.*
5. *Il-konvenut ghalkemm huwa involut fil-hajja ta' ibnu, minhabba l-qaghda medika tieghu, li ukoll mhjiex wahda stabbli, jaqbel illi CB tigi fdata bil-kura u kustoda*

*tal-minuri JB (messaggi ta' komunikazzjoni bejn CB u l-konvenut anness u immarkat bhala Dok D). Huwa jaf kemm l-istess CB taghmel sagrificcju sabiex tghajjex lil minuri JB u dan b'imhabba kbira. Jigi rilevat illi issa, CB ilha tiehu hsieb u trabbi lil minuri ghal diversi xhur u dan minhabba li l-qaghda ta' oht MB marret lura.*

6. *Ghalhekk jehtieg li dan l-arrangament informali bejn il-partijiet jigi kristalizzat permezz ta' ordni tal-Qorti u dan fl-interess tal-minuri.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suespost, l-esponenti umilment u bir-rispett qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qori sabiex:*

1. *Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri JB tigi vestita esklussivament f'idejn CB u dan fl-interess tal-minuri.*
2. *Tordna illi l-kura ordinarja tal-minuri JB tkun ma' CB biex b'hekk l-istess minuri jibqa' jirrisjedi ma' CB .*
3. *Konsegwentement, tawtorizza lil CB sabiex tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-minuri inkluz dawk ta' sahha, edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.*
4. *Tordna li CB tircievi kwalunkwe assistenza statali u/jew beneficcju mhallsa versu l-htigijiet tal-minuri JB*
5. *Tawtorizza lil CB sabiex tiffirma wehidha biex tapplika u iggedded il-passaport tal-minuri JB u dan minghajr il-firma ta' MB u/jew GB .*
6. *Tawtorizza lil CB sabiex tkun tista' issiefer mal-minuri u dan minghajr il-kunsens u/jew awtorizzazzjoni ta' MB u/jew GB .*

*U dan previa ghal kull ordni li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timpani fic-cirkostanzi.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 8 ta' April 2024, a fol 23, li jaqra hekk:

*Illi dan id-Direttorat gie mgharraf bil-minuri JB nhar il-5 ta' Marzu, 2024 wara vista gewwa l-ufficini tal-esponent minn AB u CB fejn gie spejgat li omm l-minuri MB hi marida b'marda terminali ta' Huntington's Disease;*

*Illi in linea mas-suespost, AB u CB hassew il-htiega li jifformulaw pjan ghal kura tal-minuri JB;*

*Illi mill-investigazzjoni u assesjar li sar, li huwa elenkat iktar fid-dettal fir-rapport hawn anness u mmarkat "DOK JB", gie kkonfermat li JB ilu jirrisjedi mal-familja materna ghal madwar sentejn minhabba l-qaghda ta' MB, omm il-minuri;*

*Illi CB hadet f'idejha r-responsabbiltajiet kollha tal-minuri JB u tassigura li qieghed jinghata kull kura inkluz dawk edukattivi fejn hi tattendi kull laqgha li l-minuri jkollu l-iskola;*

*Illi dan id-Direttorat kellem lil AB, omm MB u CB fejn stqarret illi hi saret taf lil zewgha J meta kellha sbatax -il sena. Stqarret li lil missier zewgha dejjem tiftakru marid u ma jiflahx izda qatt ma kien zvela l-marda li kellu u l-konsegwenzi li din iggib maghha. Di fatti, AB saret taf bil-marda wara t-twelied tal-hames uliedha minghand ohtha tar-rispett li tghix il-Kanada li kienet qed izzur Malta fuq vaganza. Din l-informazzjoni kien ta' xokk kbir minhabba l-fatt li l-marda kienet ereditarja. Ghalhekk, wara testijiet li saru gie ikkonfermat li CB u LB ma wirtitux il-gene tal-Hunington's Disease;*

*Illi rigward missier il-minuri JB , GB dejjem ha hsieb li jhallas manteniment ghall-ibnu izda ma kienx f'pozizzjoni li jkun responsabbli ghal kura ta' ibnu stante li huwa kien jahdem barra minn Malta u wkoll ghax eventwalment kien marid bil-kancer, liema marda kienet wahda terminali u ghalhekk bi qbil mieghu gie maqbul li l-minuri ghandu jirrisjedi ghand iz-zija materna, CB u ommha AB ;*

*Illi missier il-minuri issa sfortunatament miet u minkejja li l-minuri ghandu relazzjoni tajba mal-familja paterna, partikolarment ma' nannuh PB, dan telaq jghix l-Indonezja mas-siehba tieghu fl-istess gimgha tal-mewt ta' ibnu, missier il-minuri, GB ;*

*Illi tul l-investigazzjoni da parti tad-Direttorat esponent, gie mgharraf li CB hi klienta ta' Detox Out-Patients mis-sena elfejn u sittax (2016) fejn prezentement CB tmur kuljum ghall-methadone f'doza ta' 85cc flimkien mal-medicina Mianserin. Meta dan id-Direttorat tkellem mal-Detox Out-Patients huma insistew li CB qed taghmel l-almu taghha sabiex tastjeni kompletament mill-uzu tad-droga tant kemm tixtieq li tista' tkompli tiehu hsieb il-minuri JB fejn it-Tabiba Vella stqarret li ghalkemm CB ghadha tabbuza mid-droga hi xorta jirnexxilha tibqa functioning fir-rutina u responsabbiltajiet taghha ta' kuljum;*

*Fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena erbgha u ghoxrin (2024), saret laqgha ohra ma' CB sabiex jigi diskuss it-thassib tad-Direttoratfir-rigward tal-uzu tas-sustanzi illeciti fejn gie diskuss l-possibilita li CB ikollha l-kura u kustodja tal-minuri kongunta ma' membru iehor ta' familtha fejn gie maqbul li jigi esplorat il-possibilita' ta' kura u kustodja kongunta ma' huha LB izda oggezzjonat li jkun kongunt ma' membru tal-familja iehor stante li ma jafux dwar l-uzu tad-droga taghha;*

*Illi ghalhekk fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024), saret laqgha ma' LB fejn minn jeddu qal li huwa lest li jghin fil-bzonnijiet relatati mal-kura u kustodja tal-minuri izda sfortunatament, ma nhassx li din il-possibilita' setghet tkompli tigi esplorata minhabba li skont il-fedina penali ta' LB fis-sena elfejn u tnax (2012) huwa nstab hati ta' pussess ta' raza mehuda mill-pjanta kannabis u dan minkejja d-dikjarazzjoni tieghu li qatt ma kellu problemi mal-Ligi u li qatt ma ghamel uzu mid-droga fejn konsegwentement, il-kredibilita tieghu mhijiex meqjusa bhala wahda li wiehed jista' joqghod fuqha;*

*Illi dan id-Direttorat jinstab ferm imhasseb li ebda familjari iehor ma' jaf dwar l-uzu tad-droga ta' CB ghajr LB fejn hemm dubju serji dwaru wkoll. Peress illi CB*

*mhux qed taccetta l-possibilita' li membru iehor tal-familja jkun jaf bil-problema tal-uzu tad-droga illi hija ghandha u li jkollu l-kura u kustodja tal-minuri flimkien maghha, preferibbilment ommha AB jew AD, oht il-minuri, d-Direttorat ma jhossx li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tkun esklussivament ghand CB ;*

*Ghalhekk fid-dawl tas-suespost u r-ragunijiet kollha, id-Direttorat esponenti umilment jissottometti li t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda b'dana illi ghandu jigi esplorat il-possibilita li l-kura u kustodja tal-minuri JB tkun wahda kongunta ma' CB flimkien ma' membru tal-familjari iehor, preferibbilment l-attrici AB jew AD u dan salv kull provvediment jew kundizzjoni ohra li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2025 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (a fol 65);

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proċeduri intavolati mir-rikorrenti li huma n-nanna u z-zija materna tal-minuri JB li twieled nhar X. Ir-rikorrenti ntavolaw il-proceduri odjerni stante li omm il-minuri, MB , hakmitha l-marda tal-*Huntington Disease* filwaqt **li l-intimat missier ghadda ghall-hajja ta' dejjem fil-mori tal-proceduri**.

Din il-Qorti tibda sabiex taghmel referenza ghall-Artikolu 68 tal-Kap. 602 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'referenza ghal principju legali *lex specialis derogate lex generalis.* Dan l-artikolu jipprovdi kif gej:

***68.(1) Meta l-ġenituri ta' xi minuri, minħabba raġuni valida, jipproponu li jagħmlu arranġamenti sabiex il-minuri jibda jirrisjedi ma'xi persuna li ma tkunx qarib jew entità għal perjodu li jeċċedi xahrejn (2), il-ġenituri u, jew oħra, dik il-persuna jew entità oħra għandha tagħti avviż dwar din il-proposta lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ):***

***Iżda meta l-arranġamenti proposti jkunu ma' qarib, li ma jkunx oħt jew ħu, nannu u, jew nanna, zija u, jew ziju l-obbligu taħt dan l-artikolu jiskatta meta l-arranġamenti jkunu għal perjodu itwal minn xahrejn (2) jew jekk il-minuri jkun ilu taħt il-ħarsien tagħhom għal xahrejn (2) jew aktar.***

***(2) Meta jkun informat skont is-subartikolu (1), id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jaħtar ħaddiem soċjali biex iżur u jeżamina l-post li fih il-minuri jkun propost li jiġi miżmum, u biex jirrakkomanda jekk il-persuna jew entità proposta li tirċievi dak il-minuri hijiex adegwata biex tipprovdi għall-bżonnijiet u l-benessere tal-minuri.***

***(3) Il-ħaddiem soċjali maħtur skont is-subartikolu (2) għandu, dwar il-minuri, ikun suġġett għall-istess responsabilitajiet kif disposti fl-artikolu 67(2).***

***(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (2), il-ħaddiem soċjali għandu jħejji rapport u għandu mbagħad jinnotifikah, flimkien mal-arranġamenti proposti, lill-Bord ta' Reviżjoni.***

***(5) Meta l-Bord ta' Reviżjoni jkun sodisfatt li l-persuna jew l-entità li tkun sejra tiġi fdata biex tieħu ħsieb lill-minuri hija adegwata biex tipprovdi għall-ħarsien tiegħu u l-post li fih dak il-minuri ikun ser jiġi miżmum hu xieraq għall-bżonnijiet tiegħu, il-bord għandu jordna lill-ħaddiem soċjali jipprepara pjan ta' ħarsien u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(1), (2) u (3) għandhom japplikaw mutatis mutandis.***

***(6) Il-pjan ta' ħarsien għandu, f'kull każ, ikun preparat bil-parteċipazzjoni tal-minuri, jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed, u bil-parteċipazzjoni ta' kull persuna jew entità oħra li d-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jista'***

*jqis li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*(7) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jisma' f'intervalli regolari lill-professjonisti kollha involuti fil-każ, lill-minuri jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed, lill-ġenituri ta' dak il-minuri, lill-persuna jew entità li tkun irċiviet lill-minuri taħt il-kura tagħha, u lil kull persuna oħra li jista' jqis li jkun xieraq li jisma' skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*(8) Bla ħsara għas-subartikolu (7), il-Bord ta' Reviżjoni għandu jirrevedi l-pjan ta' ħarsien imsemmi f'dan l-artikolu tal-anqas darba kull sitt xhur.*

*(9) Meta l-ġenituri ma jibqgħux tal-fehma li l-ftehim għandu jibqa' fis-seħħ huma jistgħu jressqu rikors quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u jitolbu r-rexissjoni tal-ftehim, u f'dan il-każ il-bord għandu jagħti kull direzzjoni jew ordni li jidhirlu xieraq:Iżda sakemm il-Bord ta' Reviżjoni jagħti d-deċiżjoni finali,il-minuri għandu jibqa' jirrisjedi u taħt il-ħarsien tal-persuna jew entità li tkun hekk ġiet fdata.*

*(10) Kemm-il darba l-arranġamenti jibqgħu fis-seħħ lil hinn mill-pjan ta' ħarsien, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jeżamina jekk għandux jirreferi l-każ lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex dan tal-aħħar jevalwa ċ-ċirkostanzi u jiddeċiedi jekk għandux jippreżenta talba quddiem il-Qorti għal ordni għall-protezzjoni tal-minuri kif ikun xieraq.*

*(11) Meta l-minuri jkun ilu f'dak it-tqegħid għal perjodu ta' sentejn (2) u d-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jiddetermina illi l-integrazzjoni mill-ġdid ma' ġenitur jew ġenituri, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, ma tkunx aktar possibbli jew ma tkunx fl-aħjar interess tal-minuri, l-istess Direttur għandu jaħdem mad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex, permezz ta' rikors, jitolbu lill-Qorti toħroġ ordni għall-protezzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 18 u 19 jew 24 ta' dan l-Att għandhom japplikaw mutatis mutandis.*

*(12) Skont l-artikolu 12(3)(h), id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jista', matul il-kors tal-investigazzjoni tiegħu wara rapport, jasal fi qbil mal-ġenitur jew ġenituri tal-minuri, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, illi l-minuri jitqiegħed*

> ***temporanjament f'kura alternattiva u għandu jiġi maqbul kuntratt soċjali bejn il-partijiet interessati, inkluż id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ):Iżda kopja tal-kuntratt soċjali kif maqbul, għandha tiġi kkomunikata lill-Bord ta' Reviżjoni.***
>
> ***(13) Ladarba l-partijiet jaqblu fuq tali kuntratt soċjali li jinkludi t-tqegħid tal-minuri f'kura alternattiva, it-terminazzjoni ta' dak it-tqegħid għandu jkun possibbli biss skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.***

In linea aktar generali, din il-Qorti tirreferi ghas-segwenti sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta:

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana *ai termini* tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2017:[3]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell** (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given***

[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

***to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha b'mod partikolari l-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawża fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn ġie korrettement osservat illi:

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

[8] Enfazi tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti CB xehdet permezz ta' affidavit[9] u qalet illi hi tigi oht omm il-minuri JB li hi marida b'marda terminali li kien anke marid biha missierhom. Tghid illi hi ghamlet it-testijiet u sabet li hi m'ghandhix tracci ta' l-istess marda. Tghid illi t-trawma li rat lil missierha marid bl-istess marda kisritha tant li kienet qabdet triq tad-drogi izda llum tahdem id f'id ma' Dr Anna Vella. Tghid illi missier il-minuri miet b'kancer izda ftit qabel ma miet, kien taha l-kunsens tieghu sabiex tiehu hsieb lill-minuri ibnu hi. Il-minuri ilu jghix mar-rikorrenti sa mis-sena 2022. Minkejja t-tbatija li diga ghadda minnha l-minuri JB, huwa xorta sab stabbilta' f'hajtu u anke kompla bl-istudji tieghu. Ir-rikorrenti tghid illi hi tiehu hsieb l-aspetti kollha tal-minuri inkluz dawk edukattivi u extrakurrikulari, kif ukoll l-appuntamenti medici li jkollu bzonn. Hi tiehu hsieb ukoll mil-latt finanzjarju.

Din il-Qorti fliet ukoll ir-risposta tad-Direttorat ghall Harsien tat-Tfal li permezz taghha giet infurmatha li l-minuri m'ghandux membri ohra tal-familja paterna hawn Malta stante li n-nannu patern telaq minn Malta l-istess gimgha li miet ibnu. L-istess Direttorat informa lil din il-Qorti illi kien hemm thassib li z-zija materna ghadha taghmel minn uzu kontrollat tad-drogi izda hadd mill-familja taghha ma' kien jaf b'dan. Ir-rikorrenti CB zvelat mad-Direttorat illi ghalkemm hija tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri, xorta ltaqghet ma' certu diffikultajiet legali bhal li ma setghetx tiftah kont bankarju ghar-rigali li jaqla' l-minuri JB u ma setghetx taghti t-tilqima li kien imissu meta ghalaq it-tnax-il sena.

Id-Direttorat gabar informazzjoni ghall-uzu tar-rikorrenti mid-drogi mis-servizz tad-Detox. Inghad illi l-uzu ta' sustanzi illeciti mir-rikorrenti kien minhabba t-trawma tal-passat taghha u cjoe li tara lil missierha jiddeterjora minhabba l-marda li kellha 50% cans li tiret hi ukoll. Apart li hi tiehu l-medicina kuljum, ir-rikorrenti tiehu wkoll darbtejn fil-gimgha l-eroina sabiex tkun tista' torqod minhabba li l-ansjeta' taghha thalliha mqajma. Il-parafernalja relatata mat-tehid tad-droga ma jinzammux fl-istess residenza li fiha jirrisjedi l-minuri izda f'garaxx li jinsab vicin id-dar. Madanakollu, ir-rikorrenti kienet fformulat pjan mat-tabiba tad-Detox sabiex l-użu taghha ta' dawn is-sustanzi jieqaf kompletament sabiex ma jkun hemm l-ebda impediment fit-trobbija tal-minuri JB . Waqt vizta fir-residenza tar-rikorrenti, il-haddiem socjali tkelmu ma' omm il-minuri li kkonfermat x-xewqa taghha li r-rikorrenti jiehdu hsieb binha bhal ma kienu gja qed jaghmlu. Ikkonfermat ukoll li missier il-minuri kien

[9] Li gie debitament mahluf nhar il-11 t'April 2024 (fol. 19)

infurmaha bil-qbil tieghu mal-fatt li r-rikorrenti CB  tkun il-kustodja legali tal-minuri JB .

Meta l-haddiem socjali ghamlu vizta fl-iskola tal-minuri u tkelmet mal-*guidance teacher* gie zvelat illi l-minuri m'ghandux relazzjoni tajba m'ommu u li d-dinamika gewwa r-residenza tieghu bejn il-membri tal-familja tohloq ansjeta' fih. Huwa jinkwieta fuq sahhet nanntu.

Meta l-haddiema socjali tkelmet direttament mal-minuri, il-minuri kien aggitat u xtaq li jigi assigurat li ma kienx ser jitlef lill-familja tieghu. Il-minuri stqarr li jhossu ahjar jghix ma' nanntu minhabba li ma kellux relazzjoni tajba m'ommu minhabba li kienet tghajjat mieghu ghalxejn b'xejn. Il-minuri fahhar hafna lil zitu CB  u japprezza li taghmel dak li tista' ghalih.

Il-haddiema socjali esplorat il-possibilita' li l-kura u kustodja tal-minuri JB  tkun kongunta bejn CB  u membru iehor tal-familja taghha bhal ommha, jew oht il-minuri, jew hu r-rikorrenti LB . Meta l-haddiem socjali tkelmet ma' LB  huwa nnega li qatt ghamel uzu minn sustanzi jew li kellu xi problemi mal-Pulizija. Minn investgiazzjoni tad-Direttorat, hareg madanakollu li LB  kien filfatt gie misjub hati fuq pussess tta' sustanzi illeciti fis-sena 2012 u ghalhekk ma nhassx li dan l-individwu kien kredibbli u li setgha jigi fdat.

Il-haddiema socjali ghamlet kuntatt man-nannu patern li jirrisjedi barra minn Malta u li kkonferma li ibnu kellu l-intenzjoni li jhalli bil-miktub bil-kunsens tieghu li ibnu jkun ikkurat mir-rikorrenti izda ma lehaqx ghamel dan minhabba li l-kancer tieghu kien aggressiv.

**MB ,** ossia omm il-minuri JB , xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2024 (fol. 41) li kkonfermat illi l-minuri kien ilu jigi ndukrat minn ohtha CB  ghal dawn l-ahhar sentejn.

**AB** ossia n-nanna materna tal-minuri JB  xehdet permezz ta' affidavit[10]. Tghid illi ma kinetx taf li r-ragel taghha kellu l-marda tal-*Huntington's* sa wara li kienu mizzewgin u kellhom hamest itfal. Kien xokk kbir ghaliha meta saret taf u wara li rrizulta li tlieta mill-hamest itfal kellhom l-istess marda. Tghid illi bintha MB  u l-minuri JB  kienu jirrisjedu wahedhom fir-residenza tal-omm izda madwar sentejn ilu kienu marret izzurhom u sabet ir-residenza fi stat pjetuz. Iddecidiet ghalhekk li l-minuri tiehdu jirrisjedi maghha. Dak iz-zmien

[10] Liema affidavit gie kkonfermat bil-gurament tax-xhud waqt is-seduta tat-3 t'Ottubru 2024 (fol. 53).

missier il-minuri kien jahdem barra minn Malta u ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-minuri jmur jirrisjedi max-xhud. Bintha CB  kienet hadet hsieb taghmel l-arrangamenti kollha necessarji inkluz bidla fl-iskola tal-minuri JB . Hija kienet ukoll tixtrilu kull ma jkollu bzonn u zzomm ruha aggornata mal-komunikazzjonijiet tal-iskola tieghu minhabab li x-xhud ma tafx taghmel dan. Tghid li hi ma tantx ghandha hin ghall-minuri minhabba li trid tiehu hiseb lit-tlett uliedha morda kif ukoll lill-ommha anzjana.

Xhedet **Dr Anna Maria Vella**, fl-irwol taghha ta' tabiba tad-Detox Centre, waqt is-seduta tat-3 t'Ottubru 2024 (fol. 54). Tghid li bdiet isegwi lil CB  f'Gunju 2016. Tghid illi l-uzu tas-sustanzi kien mod kif CB  kampat mar-realta' tal-familja taghha u sabet refugju fid-droga minhabba li kienet qed tibza' hafna taghmel it-test mediku relatat mal-marda. Minn meta ghamlet il-kuragg u ghamlet it-test u rrizulta fin-negattiv, hija ghamlet kuragg biex tbiddel hajjitha. Mill-fatt li mill-paga limitata taghha, CB  irnexxilha tibda ggemma' u tghin lill-ommha, fisser ghax-xhud illi l-uzu tad-droga kien limitat hafna. Minn Marzu 2024 hija bdiet thalli kampjuni tal-awrina u dawn kienu jkunu negattivi ghas-sustanzi illeciti ghaliex issa kellha motivazzjoni ghalxiex taqta' l-ahhar ftit uzu li kienet taghmel. Ix-xhud tghid li CB tahseb hafna fuq il-bzonnijiet tal-minuri anke fuq il-percezzjoni tieghu minn shabu u ghalhekk hija idejali biex tiehu hsiebu, aparti li hemm relazzjoni tajba ferm minhabba li CB tifhem lill-minuri minhabba li ghaddiet minn dak li ghaddej minnu hu. Aparti minn hekk hi dejjem toqghod attenta li hadd ma jkun jaf fuq l-uzu taghha, aktar u aktar il-minuri anke minhabab li trid tibza' ghar-reputazzjoni taghha.

Ir-rikorrenti **CB**  xehdet waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024 (fol. 61). Tghid illi kienet ilha tiehu hsieb lill-minuri JB  ghal sentejn u nofs wara li mar jirrisjedi maghhom. Ohtha kienet marret tghix fl-istess residenza sena wara. Il-minuri sejjer tajjeb fl-iskola u dan irrizulta anke waqt il-laqgha tal-IEP li x-xhud kienet attendiet ghaliha dakinhar stess tas-seduta. Il-bidla fir-residenza mhux talli ma telfitux talli anzi ghenet lill-minuri li sussegwentement beda jmur ahjar fl-iskola.

Xehed **Adrian Zammit** fl-irwol tieghu ta' Assistent Kap tal-Iskola Sekondarja ta' Had-Dingli fejn jattendi l-minuri JB . Ix-xhud jghid illi l-iskola thaddem sistema ta' punti swsabiex jinkorigixxu l-imgieba tajba. Il-minuri JB  qatt ma kellu punti mnehhija minhabba imgieba negattiva izda inghata punti moghtija ghaliex wera altruizmu u kompassjoni u kien ukoll jaf imur tajjeb f'team. Mis-sena l-ohra ghas-sena kurrenti, il-minuri ghamel titjieb sinifikanti fil-

matematika. Huwa rizervat hafna bhala tifel u jevita li jitkellem fuq il-hajja personali tieghu ghax jigi emozzjonat.

**Konsiderazzjonijiet:**

Din il-Qorti kkunsidrat it-talbiet mresqa mir-rikorrenti AB u CB sabiex CB tigi vestita bil-kura u kustodja tan-neputi taghha JB . Jirrizulta ampjament mill-provi u x-xhieda mresqa illi l-minuri JB tigi rriskontra diversi diffikultajiet f'hajtu hekk kif tilef lill-missieru ta' eta' zghira u qieghed jara lill-ommu tiddegenera minhabba l-marda terminali illi hi u hutha jbatu minnha.

Il-minuri JB ilu fil-kura primarja ta' zitu CB ghal kwazi dawn l-ahhar tlett snin u gie ppruvat ampjament illi l-bzonnijiet tieghu qieghdin jigu milhuqa mir-rikorrenti CB. Mhux talli hekk, talli l-istess minuri sejjer ahjar fl-iskola u anke gie premjat b'punti pozittivi ghall-kwalitajiet shieb bhal altruwizmu u kompassjoni.

Din il-Qorti tifhem it-thassib tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal dwar l-uzu ta' sustanzi minn CB izda tqis ix-xhieda tat-Tabiba Dr Anna Maria Vella bhala awtoretevoli u li ghandha tistrieh fuqha u cjoe illi f'dan l-ahhar zmien, l-uzu tas-sustanzi minn CB kien wiehed ikkontrollat u li r-rikorrenti dejjem baqghet tiffunzjona u tibza' ghar-reputazzjoni taghha. *Di piu'* huwa amerevoli li CB uzat is-sitwazzjoni prezenti u cjoe li trid tindokra lill-minuri JB bhala motivazzjoni sabiex twaqqaf l-uzu taghha u ilha minn Marzu 2024 minghajr ma tmiss ma' sustanzi. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tarax li dan il-fattur ghandu b'xi mod jaffettwa l-fiducja ta' din il-Qorti fi CB li tkompli tiehu hsieb u tindokra lill-minuri. Din il-Qorti ghandha l-konfort illi hemm relazzjoni tajba bejn il-minuri u r-rikorrenti, pjuttost ahjar minn dik li l-minuri ghandu m'ommu u li f'dawn l-ahhar sentejn u nofs li l-minuri ilu fil-kura ta' CB , huwa gie deskrit b'mod pozittiv u ghandu andament edukattiv pozittiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Din il-Qorti, madanakollu, iggib ghall-attenzjoni ta' kull min hu kkoncernat illi d-dettami tal-ligi u cjoe l-artikolu 68 tal-Kap. 602 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn sopracitat, jirrikjedu illi kemm-il darba omm il-minuri u cjoe MB tigi nieqsa, ir-rikorrenti ikunu jridu jinfurmaw lid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Zghazagh) sabiex dan jipprepara pjan ta' kura u jissottometti dan quddiem l-awtorita' kompetenti u cjoe il-Bord ta' Revizjoni. Dan huwa importanti partikolarment in vista tal-fatt

illi xorta jibqa' vakum legali fit-trobbija tal-minuri u cjoe ghaliex CB ser tkun vestita bil-kura u kustodja izda mhux bl-awtorita' ta' genitur u ghalhekk xorta jaf ikun hemm il-htiega ta' ordni ghall-harsien tal-istess minuri b'dan illi l-minuri xorta tibqa' tigi ndukrata minn CB skont din id-decizjoni.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi r-rikors ta' AB u CB datat 10 t'Ottubru 2023 billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri JB tigi vestita konguntivament f'idejn CB u AB dan fl-interess tal-minuri.**

2) **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-kura ordinarja tal-minuri JB tkun ma' CB biex b'hekk l-istess minuri jibqa' jirrisjedi ma' CB .**

3) **Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lil CB u AB sabiex jiehdu d-decizjonijiet kollha relatati mal-minuri inkluz dawk ta' sahha, edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.**

4) **Tilqa' r-raba' talba u tordna li CB tircievi kwalunkw assistenza statali u/jew beneficcju mhallsa versu l-htigijiet tal-minuri JB.**

5) **Tilqa' l-hames talba limitatament u tawtorizza lil CB u lil AB sabiex tiffirma wehidha biex tapplika u iggedded il-passaport tal-minuri JB u dan minghajr il-firma ta' MB.**

6) **Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lil CB sabiex tkun tista' issiefer mal-minuri u dan**

**minghajr il-kunsens u/jew awtorizzazzjoni ta' MB.**

**Bla taxxa.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**